

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI**IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.11151 — BDT / LGP / PROMACH)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2023/C 224/07)

1. Fis-16 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- BDT Capital Partners, LLC ("BDT", l-Istati Uniti tal-Amerka), finalment ikkontrollata minn persuna fiżika, Byron D. Trott,
- Leonard Green & Partners, L.P. ("LGP", l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Pro Mach, Inc. ("ProMach", l-Istati Uniti tal-Amerka), bħalissa fil-kontroll esklużiv ta' LGP.

BDT u LGP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' ProMach.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- BDT huwa bank merkantili Amerikan speċjalizzat f'investimenti f'negozji tal-familja u f'dawk immexxija mill-fundatur tagħhom,
- LGP hija ditta ta' investiment ta' ekwità privata Amerikana ffokata primarjament fuq investiment f'kumpaniji li jipprovdu servizzi, inklużi servizzi tal-konsumatur, tan-negozju u tal-kura tas-saħħa, kif ukoll il-bejgħ bl-immnut, id-distribuzzjoni, kif ukoll l-industrijali.
- ProMach hija fornitur ta' soluzzjonijiet ta' makkinarju tal-imballaġġ u prodotti u servizzi relatati tas-suq ta' wara l-bejgħ (inklużi servizzi ta' inġinerija u integrazzjoni) li jaqdu lill-manifatturi ta' kull daqs u ġeografiji fl-industriji tal-ikel, tax-xorb, tal-farmaċewtika, tal-kura personali kif ukoll tal-oġġetti domestiċi u industrijali. In-negozju ta' ProMach bħalissa huwa ffukat l-aktar fuq l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Kanada, iżda joffri wkoll is-servizzi tiegħu fiż-ŻEE u f'postijiet oħra fid-dinja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċizzjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ^(?) jenħtieġ li jiġi nmutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li gejjja dejjem tiġi speċifikata:

Case M.11151 — BDT / LGP / PROMACH

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

^(?) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.